A.L. 42 ta' l-2006

ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING* (KAP. 373)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti kontra *Money laundering*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 12 ta' l-Att kontra *Money laundering*, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti kontra *Money laundering*, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 kontra *Money laundering*, hawn iżjed isfel imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 199 ta' l-2003.

Jemenda t-titolu tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-kliem "*Money Laundering*" fit-titolu tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu l-kliem "u Finanzjar ta' Terroriżmu".

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-kliem "*Money Laundering*" fir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "u Finanzjar ta' Terroriżmu".

Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

4. Regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "attività rilevanti" fir-regolament, għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) fil-paragrafu (d) tagħha il-kliem "jew *trustees*," minnufih wara l-kliem "ta' attivisti" għandhom jitħassru;

(ii) minnufih wara l-paragrafu (d) tagħha għandhom jidħlu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(e) kull min jipprovdi servizz ta' *trustee* xi servizz ieħor ta' fiduċjarju, kemm awtorizzat kemm xort'oħra, skond l-Att dwar *Trusts* u *Trustees*;

Kap. 331.

(f) detentur ta' liċenza ta' każinò;";

(iii) paragrafi (e) u (f) tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala paragrafi (g) u (h); u

(iv) fil-paragrafu (h) tagħha kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "il-paragrafi (a) sa (d) hawn qabel" għandhom jidħlu l-kliem "paragrafi (a) sa (g) hawn qabel";

(b) it-tifsira "awtorità ta' sorveljanza" fir-regolament, għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kelma "u" fi tmiem il-paragrafu (i) tagħha għandha titħassar;

(b) fil-paragrafu (j) tagħha, il-kliem "ir-Regolamenti ta' l-1998 dwar l-Att dwar il-Logħob" għandhom jitħassru; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (j) tagħha għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(k) il-Kontrollur tad-Dwana meta jkun qiegħed jaqdi dmirijietu taħt regolamenti li jistgħu jinħarġu minn żmien għal żmien skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni."; u

Kap. 233.

(ċ) minnufih wara t-tifsira "awtorità ta' sorveljanza" fir-regolament, għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "finanzjar ta' terroriżmu" tfisser l-imġieba deskritta fl-artikoli 328F u 328I it-tnejn inklużi, tal-Kodiċi Kriminali;";

(d) fit-tifsira "ġurisdizzjoni ta' fama" fir-regolament, minnufih wara l-kliem "għall-prevenzjoni ta' *money laundering*", kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "u għall-ġlieda kontra l-finanzjar ta' terroriżmu ";

(e) fit-tifsira "Każ 2 (suspetti)" fir-regolament, minnufih wara l-kliem "*money laundering*", kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "jew finanzjar ta' terroriżmu";

(f) minnufih wara t-tifsira "Każ 4 (serje ta' transazzjonijiet)" fir-regolament, għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "każinò" għandu jkollha l-istess tifsira bħalma hu mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Logħob u "detentur ta' liċenza ta' każinò" f'dawn ir-regolamenti għandha tiftiehem skond hekk;";

(g) minnufih wara t-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti" fir-regolament, għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kumpannija" għandha l-istess tifsir bħalma hu mogħti lilha fl-Att dwar il-Kumpanniji;";

(h) minnufih wara t-tifsira "Persuna Indikata" fir-regolament, għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "persuni politikament esposti" tfisser persuni naturali li jkunu fdati jew kienu ġew fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti u jinkludu lil membri viċini ħafna tal-familja tagħhom jew lil persuni li jkunu magħrufin bħala shab viċini ta' dawk il-persuni, iżda ma jinkludux uffiċjali ta' grad tannofs jew uffiċjali ta' grad inqas minn dak;";

(i) minnufih wara t-tifsira "skema ta' investiment kollettiv" fir-regolament, għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

""terroriżmu" tfisser kull att ta' terroriżmu kif imfisser fl-artikolu 328A tal-Kodiċi Kriminali;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minnufih wara l-kliem "*money laundering*" għandhom jidħlu l-kliem "u finanzjar ta' terroriżmu";

(b) fis-sub-regolament (1)(a)(i), minflok il-kliem "proċeduri ta' identifikazzjoni" għandhom jidħlu il-kliem "diliġenza dovuta dwar klijenti, inklużi proċeduri ta' identifikazzjoni,";

(ċ) minnufih wara paragrafu (a) tas-sub-regolament (1), għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) ma tapplikax il-proċeduri stabbiliti taħt is-subparagrafu (a) meta tagħmel jew tidħol għal relazzjonijiet jew transazzjonijiet li ma jsirux wiċċ imb'wiċċ;";

(d) paragrafu (b) tas-sub-regolament (1) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ċ) u minflok is-subparagrafu (ii) ta' l-istess paragrafu kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"(ii) id-disposizzjonijiet ta' l-Att kontra *Money Laundering*; tas-Sub-Titolu *Fuq Atti ta' Terroriżmu, Finanzjar ta' Terroriżmu u Atti Anċillari* fit-Title IV*A* tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali; u ta' dawn ir-regolamenti, u"; u

(e) paragrafu (c) tas-sub-regolament (1) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (d) u fl-istess paragrafu kif enumerat mill-ġdid minnufih wara l-kliem "qed tagħmel *money laundering*" għandhom jidħlu l-kliem "jew finanzjar ta' terroriżmu".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-sub-regolament (1) u minnufih wara s-sub-regolament (1) kif enumerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu dawn is-sub-regolamenti ġodda li ġejjin:

"(2) Mingħajr preġudizzju għas-sub-regolament (1), meta r-reat isir minn korp jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, kemm jekk magħqud jew mhux magħqud, dak il-korp jew dik l-assoċjazzjoni jkunu responsabbli għal piena amministrattiva ta' mhux inqas minn Lm500 (ħames mitt lira Maltija) u mhux iżjed minn Lm2,000 (elfejn lira Maltija).

(3) Il-pieni amministrattivi taħt is-sub-regolament (2) għandhom ikunu imposti mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja mingħajr il-ħtieġa ta' seduta quddiem il-qorti u jistgħu jiġu imposti jew bħala piena ta' darba biss jew fuq bażi kumulattiva ta' kuljum sakemm tintlaħaq konformità sakem f'dan l-aħħar każ il-piena akkumulatata m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' Lm20,000 (għoxrin elf lira Maltija).".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel is-sub-regolament (1) għandu jidħol dan is-sub-regolament ġdid li ġej:

"(1) M'għandhomx Persuni Indikati jżommu kontijiet anonimi jew kontijiet taħt ismijiet fittizzji hekk li ma jkunx magħruf is-sid benefiċċjarju reali.";

(b) is-sub-regolament (1) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-sub-regolament (2) u minflok is-sub-regolament kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 6 u 8, diliġenza dovuta dwar klijenti, inklużi proċeduri ta' identifikazzjoni għar-rigward ta' Persuna Indikata, għandhom jitqiesu li huma skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament jekk f'Każijiet 1 sa 4 jeħtieġu, malajr daqs kemm ikun raġonevolment prattiku wara li l-ewwel isir kuntatt bejn il-Persuna Indikata u l-applikant għal negozju dwar xi relazzjoni partikolari ta' kummerċ jew transazzjoni ta' darba biss -

(a) li l-applikant għall-kummerċ iġib prova sodisfaċenti dwar l-identità tiegħu u verifika dwar dik l-identità; jew

(b) li jittieħdu dawk il-miżuri speċifikati fil-proċeduri fejn jinġiebu dawk il-provi dwar l-identità , u

meta dawk il-provi ma jinkisbux, jew meta l-Persuna Indikata tkun taf jew tissuspetta li t-transazzjoni jista' jkollha x'taqsam

ma' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu, il-proċeduri jkunu jeħtieġu li l-kummerċ involut m'għandux jipproċedi jew jekk jipproċedi jagħmel dan biss skond kull ordni li tingħata mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja.

Mingħajr preġudizzju għal dak imsemmi hawn qabel, meta li jinżamm milli jsir xi ħaġa minn dak imsemmi hu impossibbli jew x'aktarx jiffrustra l-isforzi ta' investigazzjoni ta' suspett ta' *money laundering* jew ta' operazzjoni ta' finanzjar ta' terroriżmu dak il-kummerċ għandu jipproċedi bil-kundizzjoni li kull żvelar jiġi minnufih infurmat lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja skond ir-regolament 11.".

(c) sub-regolamenti (2) u (3) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala sub-regolamenti (3) u (4) rispettivament;

(d) is-sub-regolament (4) għandhu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-sub-regolament (5) u għandu jiġi emendat billi jiżdiedu l-kliem "diliġenza dovuta dwar klijenti, inkluż" minnufih qabel il-kliem "l-proċeduri ta' identifikazzjoni" kif ukoll minnufih qabel il-kliem "il-proċess ta' identifikazzjoni"; u

(e) minflok is-sub-regolament (5) għandu jidħol dan li ġej:

"(6) Għandhom Persuni Indikati jeżaminaw b'attenzjoni speċjali, u sakemm ikun possibbli, l-isfond u l-għan ta' transazzjoni kumplessa jew kbira u ta' transazzjonijiet li partikolarment x'aktarx, minn natura tagħhom, ikollhom x'jaqsmu ma' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu.

(7) Persuni Indikati għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għal relazzjonijiet ta' xorta kummerċjali u transazzjonijiet ma' persuni, kumpanniji u impriżi, inklużi dawk li jkunu qegħdin jiġġestixxu kummerċ finanzjarju rilevanti jew xi attività rilevanti , minn ġurisdizzjoni mhux riputabbli, u, meta d-disposizzjonijiet tas-sub-regolament (6) jkunu japplikaw għal dawk it-transazzjonijiet, Persuni Indikati għandhom imexxu skond dan.

(8) Iktar milli jikkonforma ruħu mad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-regolament, detentur ta' liċenza ta' każinò:

(a) m'għandu jippermetti lil ebda persuna tidħol f'xi każinò kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx ġiet sodisfaċentement identifikata konformement mad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25 ta' l-Att dwar il-Logħob*;*

(b) għandu jidentifika, billi jintwera dokument ta' identifikazzjoni , skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (i), lil kull persuna li, filwaqt li tkun qiegħda fil-każinò issarraf flus likwidi, *cheque* jew *bank draft*, kemm jekk dak jinħareġ minn istituzzjoni ta' kreditu lokali jew barranija, kemm jekk xort'oħra jagħmel ħlas b'karta ta' kreditu jew ta' debitu għal tisrif f'*chips* jew *tokens* li jeċċedi Lm2,000 (elfejn lira Maltija) biex dawn jintużaw fil-każinò;

(c) għandu jidentifika, billi jintwera dokument ta' identifikazzjoni , skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (i), lil kull persuna li, filwaqt li tkun qiegħda fil-każinò issarraf flus likwidi, issarraf *chips* jew *tokens* wara li jilgħab xi logħba jew logħbiet, li għandhom valur li jeċċedi Lm2,000 (elfejn lira Maltija);

(d) għandu jiżgura li l-partikolaritajiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-identità ta' persuna li ssarraf *chips* jew *tokens* li għandhom valur li jeċċedi Lm 2,000 (elfejn lira Maltija) ikun jaqbel, u kontro riferut, mal-partikolaritajiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-identità tal-persuna li ssarraf flus likwidi, *cheques* jew *bank drafts*, jew li tkun qegħda tagħmel ħlas b'karta ta' kreditu jew ta' debitu għal tisrif f'dawk iċ-*chips* jew *tokens*, u għandu iktar minn hekk jiżgura li *chips* jew *tokens* jinkisbu minn rebħiet li jsiru filwaqt li tkun qiegħda tintlagħab xi logħba jew logħbiet fil-każinò; u

(e) għandu jiżgura li d-disposizzjonijiet ta' paragrafi (ii) sa (iv) jiġu wkoll applikati f'każijiet fejn f'xi sessjoni tal-logħob persuna tagħmel transazzjonijiet

li individwalment jammontaw għal inqas minn Lm2,000 (elfejn lira Maltija) iżda li b'kollox jeċċedu dak l-ammont.

(9) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-sub-regolament (8) u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolament 11, id-detentur ta' liċenza ta' każinò għandu iktar minn hekk jirreġistra l-partikolaritajiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-identità ta' persuna li tkun qegħda tilgħab xi logħba jew logħbiet fil-każinò fejn id-detentur ta' liċenza ta' każinò jew xi impjegat ta' każinò b'xi mod ikun jaf jew ikollu suspett li dik il-persuna tkun, jew tista' tkun, involuta f'*money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu.".

Żjieda ta' regolamenti 5A, 5B u 5C ġodda mar-regolamenti prinċipali.

8. Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu dawn ir-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Banek, fergħat u sussidjarji korrispondenti.

5A. (1) B'żjieda u mingħajr preġudizzju għad-diliġenza dovuta dwar klijenti, inklużi proċeduri ta' identifikazzjoni meħtieġa b'dawn ir-regolamenti, meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti banek korrispondenti transkonfini u relazzjonijiet oħra simili, Persuni Indikati li jkunu qegħdin jiġġestixxu kummerċ finanzjarju rilevanti għandhom jiżguraw li huma jkunu jifhmu għal kollox u jiddokumentaw in-natura ta' l-attivitajiet kummerċjali ta' l-istituzzjoni korrispondenti tagħhom, inklużi l-adegwatezza u l-effettività tal-kontrolli interni tagħhom għall-prevenzjoni ta' *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu .

(2) Il-proċeduri sabiex jiġu stabbiliti relazzjonijiet korrispondenti skond is-sub-regolament (1) jinħtieġu l-approvazzjoni bil-quddiem tat-tmexxija anzjana biex jiġu stabbiliti relazzjonijiet bħal dawk fi, jew ma' istituzzjonijiet rispondenti minn, ġurisdizzjoni mhux riputabbli.

(3) Persuni Indikati għandhom jiżguraw li l-prinċipji tar-regolament 3(1) jiġu applikati għall-fergħat jew għas-sussidjarji li ma jkunux lokalizzati f'ġurisdizzjoni riputabbli sal-limitu permess mil-liġijiet nazzjonali rilevanti u, meta dan ma jkunx possibli, Persuni Indikati għandhom minnufih jgħarrfu lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni

Finanzjarja u lill-awtorità superviżorja rilevanti skond ma jkun japplika.

Politika ta' aċċettazzjoni mill-klijent.

5B. (1) Persuni Indikati għandhom jiżviluppaw u jistabbilixxu politiki ta' aċċettazzjoni mill-klijent effettivi u proċeduri li m'humiex restrittivi meta jkun qiegħed jiġi permess l-għoti ta' servizzi finanzjarji u ta' servizzi oħra lill-pubbliku in ġenerali iżda li jkunu, bħala minimu, jinkludu:

(a) deskrizzjoni tat-tip ta' klijent li l-aktar jippreżenta riskju ogħla minn dak medju;

(b) l-identifikazzjoni ta' indikaturi ta' riskju bħalma huma l-karatteristiċi tal-klijent, il-pajjiż ta' oriġni, attivitajiet kummerċjali, kontijiet jew attivitajiet konnessi u posizzjonijiet pubbliċi jew oħrajn ta' profil għoli; u

(ċ) il-ħtieġa għal diliġenza ogħla dovuta dwar klijenti għal klijenti ta' riskju ogħla.

(2) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista', f'konsultazzjoni ma' l-awtorità superviżorja kompetenti rilevanti, meta dan ikun japplika, u fuq bażi mhux diskriminatorja, jistabbilixxi li l-Persuni Indikati, jew kategorija ta' Persuni Indikati, tapplika miżuri simplifikatu f'konformità ma' dawn ir-regolamenti meta jidher li r-riskju ta' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu jkun wieħed baxx u meta jkunu diġà qegħdin jiġu xort'oħra applikati verifiki u kontrolli adegwati.

(3) M'għandhomx jiġu applikati miżuri simplifikati, skond ma jistgħu jiġu stabbiliti u applikati taħt is-sub-regolament (2), f'ċirkostanzi li jistgħu jinkwadraw f'Każ 2 (suspetti).

Persuni politikament esposti.

5C. (1) Politiki ta' aċċettazzjoni mill-klijent stabbiliti taħt regolament 5B għandhom iwasslu biex Persuni Indikati jkunu jistgħu jistabbilixxu dwar jekk applikant għal kummerċ ikunx persuna politikament esposta.

(2) Dwar persuni politikament esposti li jkunu residenti ta' pajjiż barrani, il-proċeduri stabbiliti taħt is-sub-regolament (1) għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni ta' tmexxija anzjana sabiex jiġu stabbiliti dawk ir-relazzjonijiet kummerċjali.

(3) Meta jkun qiegħed isir monitoraġġ kostanti ogħla ta' relazzjonijiet ta' xorta kummerċjali stabbiliti taħt is-sub-regolament (2), Persuni Indikati għandhom jiżguraw li l-proċeduri interni jinkludu miżuri adegwati li jkunu jistabbilixxu l-għajn ta' ġid u ta' flejjes li jkunu involuti f'dawn ir-relazzjonijiet ta' xorta kummerċjali, jew transazzjonijiet.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

9. Minnufih wara s-sub-regolament (3) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu dawn is-sub-regolamenti ġodda li ġejjin:

"(4) Għall-finijiet tas-sub-regolament (1)(b) id-dettalji ta' ħlas għandhom jinkludu l-isem, l-indirizz u n-numru tal-kont ta' l-applikant għall-kummerċ u, meta ma jkunx hemm disponibbli numru tal-kont, minfloku jidħol numru identifikatur uniku li jkun jippermetti li t-transazzjoni tiġi rintraċċata għall-applikant għal kummerċ fil-waqt li l-indirizz ikun jista' jiġi ukoll sostitwit bin-numru tal-karta ta' identità nazzjonali wara verifika.

(5) Id-dettalji ta' ħlas li jakkumpanjaw it-trasferiment ta' flejjes kif meħtieġ taħt is-sub-regolament (4) għandhom ikunu verifikati skond ma jinsab f'dokumenti ġejjin minn għajn indipendenti:

Iżda dwar ħlasijiet taħt Lm500 (ħames mitt lira Maltija) l-istituzzjoni li tkun qiegħda tħallas tista' tistabbilixxi kemm għandha tkun mifruxa dik il-verifika.

(6) Meta informazzjoni meħtieġa taħt is-sub-regolament (4) tkun nieqsa jew mhux kompleta meta jkunu qegħdin jiġu riċevuti flejjes, Persuni Indikati jistgħu jew jirroftaw it-trasferiment jew jitolbu li tiġi sottomessa informazzjoni kompleta:

Iżda meta t-trasferiment jiġi miċħud jew meta ċ-ċirkostanzi jwasslu biex il-flejjes jintgħamlu disponibbli lill-benefiċjarju u l-

informazzjoni li tkun nieqsa ma tiġix riċevuta, Persuni Indikati għandhom jipproċedu skond m'hemm provdut fir-regolament 5(2).

(7) Id-disposizzjonijiet tas-sub-regolamenti (4), (5) u (6) m'għandhomx japplikaw meta:

(a) il-flejjes jiġu trasferiti permezz ta' transazzjoni li ssir bl-użu ta' karta ta' kreditu jew ta' debitu jew b'xi strument ta' ħlas ieħor meta jkun hemm numru identifikatur uniku li jkun jippermetti li t-transazzjoni tkun tista' tiġi ritraċċara lil min iħallas, jakkumpanja t-trasferiment;

(b) kemm min iħallas kemm min jirċievi l-ħlas ikunu qegħdin jaġixxu f'isimhom proprju u jkunu persuni awtorizzati li jiġġestixxu kummerċ finanzjarju rilevanti jew li jkollhom liċenza jew ikunu xort'oħra awtorizzati taħt il-liġijiet ta' ġurisdizzjoni riputabbli jiġġestixxu xi attività li tkun ekwivalenti għal kummerċ finanzjarju rilevanti.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

10. Regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis- sub-regolament (2)(a), minnufih wara l-kliem "biex tiġi stabbilita" għandhom jidħlu l-kliem "u verifikata" u, fit-test Ingliż, minnufih wara l-kliem "in addition to" għandha tidħol il-kelma "the";

(b) fis-sub-regolament (2)(b), minflok il-kliem "ir-regolament 5(1)" għandhom jidħlu il-kliem "ir-regolament 5(2)";

(c) fis-sub-regolament (4):

(i) minflok is-subparagrafu (i) tal-proviso li hemm miegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(i) meta l-prinċipal ikun korp magħqud, korp ta' persuni, jew ikollu xi għamla oħra ta' entità jew arranġament legali, għandha wkoll tiġi żvelata identifikazzjoni sodisfaċenti tad-diretturi kollha diretturi, u meta tali prinċipal ma jkollux diretturi, ta' dawk il-persuni l-oħra kollha vestiti bl-amministrazzjoni u r-rappreżentazzjoni tagħha, u, minbarra fil-każ ta'

kumpannija elenkata fuq borża rikonoxxuta, awtorità pubblika domestika, korporazzjoni statali, jew kull kategorija oħra ta' klijenti meta dawk il-klijenti jkunu jippreżentaw riskju baxx ta' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu skond ma jista' jiġi determinat mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja skond m'hemm fir-regolament 5B(2), għandha tiġi ukoll żvelata identifikazzjoni sodisfaċenti tal-persuni kollha li jkollhom interess kwalifikanti f'dak il-prinċipal, inkluża, meta din tkun tapplika, l-identità tas-sidien benefiċjarji jew tal-benefiċjarji ta' l-interess kwalifikanti;";

(ii) minnufih wara s-sub-paragrafu (ii) tal-proviso għandu jidħol dan li ġej:

"(iii) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament interess kwalifikanti ifisser *shareholding* ta' 25% jew iktar ta' l-ishma ta' ekwità fil-prinċipal, jew sehem ta' 25% jew aktar tal-kontribuzzjonijiet totali magħmulin lill-prinċipal jew ta' l-assi totali tal-prinċipal, skond il-każ.";

(d) fis-sub-regolament (5)(a) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "Meta l-applikant għall-kummerċ" sa "miżmum taħt arranġament ta' nominee," iż-żewġ frażijiet inklużi, għandhom jidħlu il-kliem "Meta l-applikant għall-kummerċ ikun qiegħed jaġixxi f'isem korp magħqud, korp ta' persuni, *trust* jew xi forma oħra ta' entità jew arranġament legali li fih ikun hemm interess kwalifikanti kif imfisser fis-sub-regolament (4) li jkun miżmum taħt arranġament ta' nominee,"; and

(ii) minflok il-kliem "tal-benefiċjarji tax-*shareholding* kwalifikanti" għandhom jidħlu l-kliem "tal-benefiċjarji ta' l-interess kwalifikanti"; u

(e) fis-sub-regolament (5)(b), minflok il-kliem "bħala azzjonist jew *trustee nominee*," minnufih qabel il-kliem "jew taħt

xi arranġament fiduċjarju ieħor," għandhom jidħlu l-kliem "bħala *trustee*,".

11. Fis-sub-regolament 8(1) tar-regolamenti prinċipali, minnufih qabel il-kliem "il-proċedura ta' identifikazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "id-diliġenza dovuta dwar klijenti, inkluża". Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

12. Regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minnufih wara l-paragrafu (b) tas-sub-regolament (1) għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) dwar regolamenti 5(6) u 5(7) *record* tar-riżultanzi ta' l-eżami ta' l-isfond u l-għan ta' dawk ir-relazzjonijiet u transazzjonijiet.";

(b) fis-sub-regolament (2)(a), minnufih wara l-kliem "l-kummerċ rilevanti" għandhom jidħlu l-kliem "jew attività rilevanti";

(c) fis-sub-regolament (2)(b), minflok il-kliem "fil-paragrafu (b)" għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafi (b) u (ċ)";

(d) fis-sub-regolament (3), minflok il-kliem "l-kummerċ rilevanti", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "kummerċ finanzjarju rilevanti jew attività rilevanti"; u

(e) minnufih wara sub-regolament (3) għandhom jidħlu dawn is-sub-regolamenti li ġejjin:

"(4) Mingħajr preġudizzju għas-sub-regolamenti (1) sa (3), it-tnejn inklużi, detentur ta' liċenza ta' każinò għandu wkoll iżomm *records* dwar kull proċess ta' identifikazzjoni taħt ir-regolament 5(7) skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25(2) ta' l-Att dwar il-Logħob.

(5) Persuni Indikati għandhom jiżguraw li kull identifikazzjoni ta' klijenti, *records* ta' diliġenza dovuti u *records* ta' transazzjoni u informazzjoni ikunu disponibbli skond perjodi stabbiliti lill-Korp għall-Analisi ta'

Informazzjoni Finanzjarja u, skond ma jista' jiġi permess bil-liġi, lil awtoritajiet kompetenti rilevanti oħra, għall-finijiet tal-prevenzjoni ta' *money laundering* u l-finanzjar ta' terroriżmu .".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

13. Regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-sub-regolament (1):

(i) fil-paragrafu (a), minflok il-kliem "uffiċjal li jirrapporta li jkun impjegat" għandhom jidħlu l-kliem "uffiċjal li jirrapporta li jissemma"; u

(ii) minnufih wara l-kliem "in *money laundering*" wherever they occur, għandhom jidħlu l-kliem "jew finanzjar ta' terroriżmu"; u

(b) minflok is-sub-regolament (2), għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Uffiċjal li jirrapporta jew impjegat imsemmi tal-Persuna Indikata ikunu jistgħu jiżvelaw informazzjoni miksuba fil-kors ta' proċeduri ta' rappurtar interni taħt dawn ir-regolamenti lill-uffiċjal li jirrapporta jew lill-impjegat imsemmi ta' Persuna Indikata jew Persuni Indikati:-

(a) li jiffurmaw parti mill-istess grupp ta' kumpanniji tal-Persuna Indikata hawn qabel; jew

(b) meta l-Persuni Indikati jkunu qegħdin jaġixxu skond relazzjoni bejn prinċipal u *broker* jew bejn prinċipal u aġent.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali

14. Regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali li hemm miegħu, minnufih wara l-kliem "*money laundering*" għandhom jidħlu l-kliem "jew finanzjar ta' terroriżmu";

(b) fis-sub-regolament (1), minnufih wara l-kliem "*money laundering*" għandhom jidħlu l-kliem "jew finanzjar ta' terroriżmu" u minflok il-kliem "raġonevolment prattikabbli malajr," għandhom jidħlu l-kliem "raġonevolment prattikabbli malajr, iżda mhux aktar tard minn tliet (3) ijiem tax-xogħol minn meta s-suspetti jkunu qamu għall-ewwel darba,"; u

(c) minnufih wara s-sub-regolament (2) għandhom jiżdiedu dawn is-sub-regolamenti ġodda li ġejjin:

"(3) Meta, wara li ssir sottomissjoni ta' żvelar kif hemm fis-sub-regolament (1), jew għal xi raġuni oħra bħal dik permessa bil-liġi, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jitlob informazzjoni addizzjonali, Persuna Indikata għandha tikkonforma ruħha kemm ikun raġonevolment prattikabbli malajr, iżda mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta ssir it-talba għall-ewwel darba kemm-il darba dik il-Persuna Indikata ma tagħmilx ilmenti li jkunu jiġġustifikaw għaliex l-informazzjoni mitluba ma tkunx tista' tiġi sottomessa fiż-żmien mogħti u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, fid-diskrezzjoni tiegħu u wara li jkun ikkunsidra dawk l-ilmenti, jestendi dak iż-żmien skond ma jkun raġonevolment meħtieġ biex tinkiseb l-informazzjoni, u malli jsir dan il-Persuna Indikata għandha tissottometti l-informazzjoni mitluba fiż-żmien kif dan ikun ġie estiż.

(4) Persuna Indikata li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, jew li tonqos milli tiżvela xi informazzjoni kif meħtieġa bis-sub-regolament (1) jew li tonqos milli tissottometti informazzjoni mitluba taħt is-sub-regolament (3), tista' teħel piena amministrattiva ta' mhux inqas minn Lm100 (mitt lira Maltija) u mhux iżjed minn Lm 1,000 (elf lira Maltija).

(5) Il-pieni amministrattiva taħt is-sub-regolament (4) għandhom jiġu imposti mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja mingħajr ma ssir ebda seduta quddiem il-qorti u jistgħu jiġu imposti jew bħala piena għal darba waħda biss jew fuq bażi kumulattiva ta' kuljum sakemm ikun hemm konformità iżda f'dan l-aħħar każ il-piena

akkumulata ma għandhiex tkun aktar minn Lm 5,000 (ħamest elef lira Maltija).".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

15. Fir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "attivitajiet ta' *money laundering* activities" għandhom jidħlu l-kliem "attivitajiet ta' *money laundering* u, jew attivitajiet ta' finanzjar ta' terroriżmu".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

16. Regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel il-kliem "l-identità tal-persuna" għandhom jidħlu l-kliem "id-diliġenza dovuta inkluża"; u

(b) fil-proviso relattiv, minnufih qabel il-kliem "il-proċess ta' identifikazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "id-diliġenza dwar klijenti dovuta inkluż".